MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 331/2005

**Vs**

**Cleanwell Services Limited C 19323**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas ta' erbat'elef, mija u ghaxar liri maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm4110.37,0) rappresentanti ammont ta' numri telefonici 21247837, 21247838 u 21247849 (skond kif jirrizulta mid-Dok A u Dok B annessi mal-avviz) liema servizz gie stallat fil-fond Triq il-Qaddiefa, Marsa (CN 234683 a/c 10060807) u dana kif jirrizulta mill-kopja tal-applikazzjoni annessa mal-avviz u mmarkata Dok C.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-avviz, u ta' l-ittra ufficjali u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokument annessi mal-istess avviz a fol 2 sa fol 5 tal-atti u markati Dok A sa Dok C.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx fit-18 ta' Ottubru 2005 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm4110.37,0 bl-imghax legali mid-data tal-ittra ufficjali imsemmija bla data fl-istess avviz sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-istess ittra ufficjali u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------